**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**SEDUTA NRU 459**

It-Tnejn, 27 ta' April 2026

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta fl-4.01 p.m.

L-Ispeaker l-Onor. Anġlu Farrugia ppreseda.

## PREŻENTI

Il-Prim Ministru l-Onor. Robert Abela, il-Ministru għall-Kultura, l-Artijiet u l-Gvern Lokali l-Onor. Owen Bonnici, l-Onor. Ivan J. Bartolo, l-Onor. Graham Bencini u l-Onor. Bernard Grech kienu skużati.

Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Barranin u t-Turiżmu l-Onor. Ian Borg, il-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar l-Onor. Clint Camilleri, il-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni l-Onor. Clifton Grima, il-Kap tal-Oppożizzjoni l-Onor. Alex Borg, l-Onor. Rebekah Borg, l-Onor. Aaron Farrugia u l-Onor. Cressida Galea kienu assenti.

## TALBA

L-Iskrivan tal-Kamra qalet it-talba.

## MINUTI

Il-Minuti tas-Seduta Nru 458 li saret fit-23 ta' April 2026 kienu konfermati.

## KUNSENS GĦALL-ATTI

L-Ispeaker informa lill-Kamra li l-President ta' Malta għoġobha tagħti l-Kunsens tagħha għal:

– Att Nru XII tal-2026 – Att tal-2026 dwar Direttivi Mediċi bil-Quddiem;

– Att Nru XIII tal-2026 – Att tal-2026 li jemenda Diversi Liġijiet fir-rigward tal-Awtonomija Personali; u

– Att Nru XIV tal-2026 – Att tal-2026 dwar il-Protezzjoni ta' Adulti f'Sitwazzjonijiet ta' Vulnerabbiltà.

## INFORMAZZJONI MIS-SEDJA

L-Ispeaker qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 6823 Sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fil-kawża bl-ismijiet Giuseppa Farrugia vs l-Avukat tal-Istat et (Rikors Numru 381/22 TA), deċiża fit-12 ta' Ottubru 2023 u dik tal-Appell datata 26 ta' Marzu 2026, mibgħuta lis-Sedja a tenur tal-artikolu 242(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

## MISTOQSIJIET

Mistoqsijiet ġew magħmula u mogħtija tweġiba.

Fl-4.30 p.m. l-aħħar mistoqsija kienet numru 33200 u l-mistoqsijiet l-oħra kollha li dehru fuq l-aġenda ngħataw tweġiba bil-miktub.

## TQEGĦID TA' KARTI

Il-Ministru għall-Finanzi, l-Onor. Clyde Caruana, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 6824 Avviż Legali Nru 106 tal-2026 – Regoli tal-2026 li jemendaw ir-Regoli dwar Tnaqqis (Dħul minn Impjieg);

P.L. 6825 Tabella li turi l-lokalitajiet fejn jinsabu l-banek kummerċjali li huma awtorizzati li jaħdmu f'Malta u f'Għawdex, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 35904;

f'isem il-Prim Ministru qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 6826 Korrezzjoni għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari numru 33067 dwar lifts out-of-service fil-housing estates, li ngħatat fis-seduta 457 tat-22 ta' April 2026;

P.L. 6827 Korrezzjoni għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari numru 33068 dwar rapporti jew investigazzjonijiet ta' lifts installati f'housing estates li kienu jeħtieġu tiswijiet ripetutament, li ngħatat fis-seduta 457 tat-22 ta' April 2026;

f'isem il-Ministru għall-Kultura, l-Artijiet u l-Gvern Lokali, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 6828 Lista ta' meta ġew organizzati laqgħat mill-kunsilli lokali mal-Pulizija fil-perjodu bejn Jannar 2024 u April 2026, maqsuma skont il-kunsill lokali, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 35949;

f'isem il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 6829 Avviż Legali Nru 105 tal-2026 – Regolamenti tal-2026 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Art Agrikola;

f'isem il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Indafa Pubblika, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 6830 Tabella li turi n-numru ta' persuni li rriżenjaw jew li rtiraw mill-Uffiċċju tar-Regolatur għall-Enerġija u s-Servizzi tal-Ilma (REWS) fil-perjodu bejn l-2022 u April 2026, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 35909; u

f'isem il-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 6831 Avviż Legali Nru 104 tal-2026 – Regolamenti tal-2026 dwar il-Prova ta' Xarabanks Żgħar Awtonomi.

**ORDNIJIET TAL-ĠURNATA**

L-Iskrivan tal-Kamra qrat l-Ordnijiet tal-Ġurnata.

**1. RAPPORT ANNWALI DWAR L-IŻVILUPP SOSTENIBBLI GĦAS-SENA 2024, SKONT L-ARTIKOLU 14 TAL-ATT DWAR L-IŻVILUPP SOSTENIBBLI, KAP. 521 - DISKUSSJONI ĠENERALI MINGĦAJR VOT**

Il-Kamra rriżumiet mit-22 ta' April 2026 id-diskussjoni dwar ir-Rapport Annwali dwar l-Iżvilupp Sostenibbli għas-sena 2024.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Stephen Spiteri, l-Onor. Michael Farrugia, l-Onor. Graziella Attard Previ u l-Onor. Adrian Delia.

Fis-6.08 p.m. id-diskussjoni kienet interrotta u baqgħet aġġornata.

Il-Kamra qablet li l-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol ikun dak il-ħin u li jitressaq l-aġġornament.

**AĠĠORNAMENT**

Il-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal, l-Onor. Michael Falzon, ippropona l-Aġġornament tal-Kamra għal nhar it-Tlieta, 28 ta' April 2026, fl-4.00 p.m. b'din l-aġenda:

**<u>Ordnijiet tal-Ġurnata</u>**

| | |
|---|---|
| Diskussjoni Ġenerali Mingħajr Vot fuq ir-Rapport Annwali dwar l-Iżvilupp Sostenibbli għas-Sena 2024 | Kontinwazzjoni |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta *(Abbozz Nru 174)* | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda Diversi Liġijiet fir-rigward tad-Diżabilità | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda Liġijiet Varji dwar ir-Reġistru Pubbliku | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Armi | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar | Tieni Qari |

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi dwar it-Twaqqif ta' Kumitat għar-Rakkomandazzjonijiet ta' Miżuri għall-Ħarsien ta' Ġurnalisti, Persuni oħra bi rwol fil-Midja u Persuni fil-Ħajja Pubblika | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta *(Abbozz Nru 18)* | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda Diversi Liġijiet dwar il-Protezzjoni tal-Midja u tal-Ġurnalisti | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Intrapriża Soċjali | Tieni Qari |
| Estimi ta' Dħul u Nfiq tal-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol għas-sena 2026 | Votazzjoni |

------------

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar Servizzi tal-Ivvjaġġar u tat-Turiżmu għal Malta | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Uffiċċju Nazzjonali għall-Iskrinjar tal-Investiment Dirett Barrani | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi dwar il-Ġlieda kontra s-Solitudni u t-Tisħiħ tal-Benesseri tas-Soċjetà | Kumitat Permanenti |

Il-ħin tal-Aġġornament ittieħed min-naħa tal-Oppożizzjoni, mill-Onor. Carmelo Mifsud Bonnici u mill-Onor. Toni Bezzina.

Bil-permess tal-Kamra, l-Onor. Toni Bezzina qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 6832 Artiklu li deher fis-sit online ta' *maltatoday* fis-26 ta' April 2026 bl-isem "Clyde Caruana: 'I will only sign off on metro if numbers make sense'";

P.L. 6833 Time-lines li juru l-fażijiet għall-implimentazzjoni tal-proġett ta' light rail imsejjaħ La Vallette Line bħala mezz tat-trasport pubbliku fuq rotta bejn l-ajruport, il-Belt Valletta u San Pawl il-Baħar;

P.L. 6834 Spejjeż involuti fil-proġett ta' light rail imsejjaħ La Vallette Line bħala mezz tat-trasport pubbliku fuq rotta bejn l-ajruport, il-Belt Valletta u San Pawl il-Baħar; u

P.L. 6835 Photo-montage ta' triq fil-Ħamrun mingħajr vetturi pparkjati wara li jkun twettaq il-proġett ta' light rail bħala mezz tat-trasport pubbliku fuq rotta msejħa La Vallette Line.

Fis-6.38 p.m. l-Ispeaker avża li l-Kamra ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 28 ta' April 2026, fl-4.00 p.m. kif komunikat mill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal.

**ELEANOR SCERRI**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**MHUX KONFERMATI** *

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA**
**SPEAKER**

* *Minuti mhux konfermati fid-dawl tax-xoljiment tal-Parlament fis-27 ta' April 2026.*